SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

2 ta' Diċembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Direttiva 2004/83/KE — Livelli minimi dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja — Artikolu 4 — Evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi — Modalitajiet ta' evalwazzjoni — Aċċettazzjoni ta' ċerti provi — Portata tas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti — Biża' ta' persekuzzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali — Differenza bejn, minn naħa, il-limiti tal-verifiki tad-dikjarazzjonijiet u tal-provi dokumentali jew oħrajn fir-rigward tal-allegata orjentazzjoni sesswali ta' applikant għall-ażil u, min-naħa l-oħra, il-limiti li japplikaw għall-verifiki ta' dawn l-elementi fir-rigward ta' raġunijiet oħra ta' persekuzzjoni — Direttiva 2005/85/KE — Standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat — Artikolu 13 — Rekwiżiti għal intervista personali — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 1 — Dinjità tal-bniedem — Artikolu 7 — Rispett tal-ħajja privata u tal-familja"

Fil-Kawżi magħquda C-148/13 sa C-150/13,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjonijiet tal-20 ta' Marzu 2013, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Marzu 2013, fil-proċeduri

A (C-148/13),

B (C-149/13),

C (C-150/13)

vs

Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie,

fil-preżenza ta':

Il-United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, A. Tizzano, L. Bay Larsen (Relatur), T. von Danwitz, A. Ó Caoimh u J.-C. Bonichot, Presidenti ta' Awla, A. Borg Barthet, J. Malenovský, E. Levits, E. Jarašiūnas, C. G. Fernlund u J. L Da Cruz Vilaça, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Frar 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A, minn N. C. Blomjous, avukat,

— għal B, minn C. Chen, avukat,

— għall-United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR), minn P. Moreau, bħala aġent, assistita minn M.-E. Demetriou, QC,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Schillemans, M. Bulterman u B. Koopman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u C. Pochet, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u A. Wiedmann, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn M. Michelogiannaki, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u S. Menez, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Condou-Durande u minn R. Troosters, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2014,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat [status] ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96), kif ukoll l-Artikoli 3 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Dawn id-domandi tressqu fil-kuntest ta' kawżi bejn A, B u C, ċittadini ta' Stati terzi, minn naħa, u l-iStaatssecretaris van Veiligheid en Justitie (Segretarju tal-Istat tal-Ministeru tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja, iktar 'il quddiem l-"iStaatssecretaris"), min-naħa l-oħra, dwar iċ-ċaħda tal-applikazzjonijiet tagħhom intiżi għall-ksib ta' permess ta' residenza temporanju (ażil) fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(A)(2) tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 u li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 [United Nations Treaty Series, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954), iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"], kif ikkompletata bil-Protokoll dwar l-istatus tar-refuġjati, miftiehem fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li min-naħa

tiegħu daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967, it-terminu "refuġjat" għandu japplika għal kwalunkwe persuna li "minħabba biża' fondata li tiġi ppersegwitata għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija fi grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika partikolari, tkun barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha u ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tixtieqx tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta' dan il-pajjiż; jew, billi ma jkollhiex nazzjonalità u tkun tinsab barra l-pajjiż fejn qabel kellha r-residenza abitwali, ma tistax, jew minħabba dan il-biża' ma tkunx trid, tirritorna fih." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2004/83

4 Skont il-premessa 3 tad-Direttiva 2004/83, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tipprovdi l-cornerstone tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni ta' refuġjati.

5 Il-premessa 10 tal-imsemmija direttiva tistipula:

"Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fondamentali u tosserva l-prinċipji magħrufa partikolarment mill-[Karta]. Partikolarment, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjita tal-bniedem u d-dritt għal kenn (asylum) għal applikanti għal kenn (asylum) u l-membri tal-familja li jakkompanjawhom."

6 Il-premessa 16 tal-istess direttiva tipprovdi li għandhom jiġu preskritti livelli stabbiliti minimi għad-definizzjoni u l-kontenut ta' status ta' refuġjat sabiex jiggwidaw il-korpi nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

7 Skont il-premessa 17 tad-Direttiva 2004/83, huwa meħtieġ li jiġu adottati kriterji komuni għar-rikonoxximent, lill-applikanti għall-ażil, tal-istatus ta' refuġjat fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

8 Skont l-Artikolu 2 tal-istess direttiva, għall-għanijiet tagħha:

"[...]

ċ) 'refuġjat' ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' bir-raġun li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalita, opinjoni politika jew sħubija ta' [fi] grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalita u ma jistax, jew minħabba f'din il-biża, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż [...]

[...]"

9 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, li jinsab fil-Kapitolu II tagħha, intitolat "Stima [evalwazzjoni] ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali", jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi, u jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu iqisuha bħala d-dmir ta' l-applikant li jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'koperazzjoni ma' l-applikant huwa d-dmir ta' l-Istat Membru li jistma [jevalwa] l-elementi rilevanti ta' l-applikazzjoni.

2. L-elementi riferiti fil-paragrafu 1 jikkonsistu mid-dikjarazzjonijiet ta' l-applikant u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni ta' l-applikanti rigward l-eta ta' l-applikant, l-ambjent minfejn ikun ġej, inkluż dak ta' qraba rilevanti, identita, nazzjonalita(jiet), pajjiż(i) u post(ijiet) ta' residenza ta' qabel, applikazzjonijiet ta' asil ta' qabel, rotti ta' vjaġġar, dokumenti ta' identita u ta' vjaġġar u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

3. L-istima [evalwazzjoni] ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi li jitqiesu:

a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż ta' l-oriġin fil-ħin tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni; inkluż liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-manjiera li fiha jiġu applikati;

b) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti presentati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju;

ċ) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali ta' l-applikant, inkluż fatturi bħal ma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, sess u eta, sabiex jiġi stmat jekk, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi personali ta' l-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikun jammonta għal persekuzzjoni jew periklu serju;

d) jekk l-attivitajiet ta' l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini kienux għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawn l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew periklu serju jekk jiġi ritornat lura lil dak il-pajjiż;

e) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġunevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.

[...]

5. Fejn Stati Membri japplikaw il-prinċipju skond liema huwa d-dmir ta' l-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet ta' l-applikant mhumiex appoġġjati minn xhieda dokumentarja jew xhieda oħra, dawk l-aspetti m'għandhomx jeħtieġu konferma, meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;

b) l-elementi rilevanti kollha, għad-dispożizzjoni ta' l-applikant, ikun ġew sottomessi, u spjegazzjoni sodisfaċenti li għandha x'taqsam ma' nuqqas ta' elementi rilevanti oħra tkun ingħatat;

ċ) id-dikjarazzjonijiet ta' l-applikant jistabu li huma koerenti u plawsibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti għall-każ ta' l-applikant;

d) l-applikant ikun applika għal protezzjoni internazzjonali fil-ħin l-aktar kmien possibbli, sakemm l-applikant jista' jagħti raġuni tajba għaliex ma jkunx għamel dan; u

e) il-kredibilita ġenerali ta' l-applikant tkun ġiet stabbilita."

10 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/83, intitolat "Raġunijiet għal persekuzzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi li ġejjin meta jistmaw [jevalwaw] ir-raġunijiet għal persekuzzjoni:

[...]

d) grupp għandu jitqies li jifforma grupp soċjali partikolari fejn partikolarment:

— membri ta' dak il-grupp jaqsmu ambjent minn fejn ikunu ġew karatteristiku naturali, jew komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristiku jew twemmin li tant huwa fondamentali għall-identita jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunsjah, u

— li grupp għandu identita distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li huwa notat bħala differenti mis-soċjeta ta' madwaru;

skond iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' l-orġini, grupp soċjali partikolari jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristiku komuni ta' orjentament sesswali. Orjentament sesswali ma jistax jinftiehem li jinkludi atti li huma meqjusa bħala kriminali bi qbil mal-liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri: [...]

[...]"

Id-Direttiva 2005/85/KE

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat (ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 168), tindika, fil-premessa 8 tagħha, li hija tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti, fost l-oħrajn, mill-Karta.

12 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/85, li jispeċifika r-rekwiżiti għal intervista personali, jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-intervisti personali jitmexxew taħt kondizzjonijiet li jippermettu li l-applikanti jippreżentaw ir-raġunijiet għall-applikazzjonijiet tagħhom b'mod komprensiv. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom:

a) jiżguraw li l-persuna li tagħmel l-intervista tkun suffiċjentement kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali jew il-vulnerabbiltà ta' l-applikant, safejn ikun possibbli li jsir dan [...]

[...]"

Id-dritt Olandiż

13 Il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tinsab fl-Artikolu 31 tal-Liġi dwar Ċittadini Barranin (2000Vreemdelingenwet 2000), fl-Artikolu 3.111 tad-Digriet dwar Ċittadini Barranin 2000 (Vreemdelingenbesluit 2000) u fl-Artikolu 3.35 tar-Regolament dwar Ċittadini Barranin 2000 (Voorschrift Vreemdelingen 2000).

14 Dawn id-dispożizzjonijiet ġew ippreċiżati bil-paragrafi C2/2.1, C2/2.1.1 u C14/2.1 sa C14/2.4 taċ-Ċirkulari dwar Ċittadini Barranin 2000.

15 Skont l-Artikolu 13(1) tal-Liġi dwar Ċittadini Barranin 2000, moqri flimkien mal-Artikolu 3.111(1) tad-Digriet dwar Ċittadini Barranin 2000, huwa l-applikant li għandu l-oneru li jistabbilixxi l-plawżibbiltà tar-raġunijiet għall-għoti ta' permess ta' residenza temporanju (ażil), sa fejn dan l-applikant għandu jipprovdi, minn jeddu, l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex l-awtorità tkun tista' tiddeċiedi fuq l-applikazzjoni tiegħu. L-iStaatssecretaris jevalwa jekk l-għoti tal-imsemmija awtorizzazzjoni huwiex skont il-liġi.

16 Skont l-Artikolu 3.111(1) tad-Digriet dwar Ċittadini Barranin 2000, meta applikant għall-ażil japplika għall-ħruġ ta' permess ta' residenza, imsemmi fl-Artikolu 28 tal-Liġi dwar Ċittadini Barranin 2000, huwa għandu jipprovdi d-data kollha, inklużi d-dokumenti rilevanti, li abbażi tagħhom l-iStaatssecretaris jista' jevalwa, f'kollaborazzjoni mal-applikant għall-ażil ikkonċernat, jekk hemmx bażi legali għall-ħruġ ta' dan il-permess.

17 Skont il-paragrafu C14/2.1 taċ-Ċirkulari dwar Ċittadini Barranin 2000, l-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet ta' applikant għall-ażil tirrigwarda l-fatti jew iċ-ċirkustanzi li huwa jesponi. Iċ-ċirkustanzi fattwali jikkonsistu fid-data dwar il-persuna tal-applikant għall-ażil ikkonċernat, b'mod partikolari l-orjentazzjoni sesswali.

18 Skont il-paragrafu C14/2.2 ta' din iċ-ċirkulari, applikant għall-ażil huwa marbut li jgħid il-verità u li jikkollabora b'mod sħiħ għall-konstatazzjoni, kemm jista' jkun kompleta, tal-fatti kollha. Huwa għandu, kemm jista' jkun malajr, jinforma lid-dipartiment tal-immigrazzjoni u tan-naturalizzazzjoni b'kull avveniment jew ċirkustanza fattwali li tkun importanti fil-kuntest tal-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu.

19 Skont il-paragrafu C14/2.3 tal-imsemmija ċirkulari, ma huwiex eskluż li n-natura mhux kredibbli ta' parti mid-dikjarazzjonijiet ta' applikant għall-ażil taffettwa wkoll il-kredibbiltà tal-partijiet l-oħra kollha tad-dikjarazzjonijiet ta' dan tal-aħħar.

20 Skont il-paragrafu C14/2.4 tal-istess ċirkulari, bħala prinċipju, huwa suffiċjenti li applikant għall-ażil ikun irrenda d-dikjarazzjonijiet tiegħu plawżibbli. F'dan ir-rigward, huwa mistenni minnu li jipproduċi dokumenti insostenn tal-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet li l-applikant għall-ażil ikkonċernat għamel insostenn tal-applikazzjoni tiegħu, il-kwistjoni ma hijiex li jsir magħruf jekk, u sa fejn, dawn jistgħu jiġu pprovati. Fil-fatt, f'ħafna każijiet l-applikanti għall-ażil stabbilew li ma humiex f'pożizzjoni li jipprovaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom u ma jistax jiġi raġonevolment mistenni minnhom li jipproduċu provi konvinċenti insostenn tal-istorja tagħhom.

21 L-iStaatssecretaris jista' jikkunsidra bħala kredibbli d-dikjarazzjonijiet magħmula abbażi tal-Artikolu 3.35(3) tar-Regolament dwar Ċittadini Barranin 2000 u, għalhekk, ma jistax jeżiġi l-konferma ta' jekk il-kredibbiltà ġenerali tal-applikant għall-ażil setgħetx tiġi stabbilita.

Il-kawżi prinċipali u d-domanda preliminari

22 A, B u C, ċittadini ta' pajjiżi terzi, ressqu separatament applikazzjoni għal permess ta' residenza temporanju (ażil) fil-Pajjiżi l-Baxxi. Insostenn tal-applikazzjonijiet tagħhom, huma sostnew li kienu jibżgħu li jiġu ppersegwitati fil-pajjiżi ta' oriġini rispettivi tagħhom minħabba, b'mod partikolari, l-omosesswalità tagħhom.

23 L-iStaatssecretaris ċaħad l-ewwel applikazzjoni għall-ażil imressqa minn A minħabba li kkunsidra li ma kinitx kredibbli.

24 A ma kkontestax din l-ewwel deċiżjoni ta' ċaħda u ressaq it-tieni applikazzjoni għall-ażil li fiha indika li huwa kien lest li jissuġġetta ruħu għal "test" li kellu juri l-omosesswalità tiegħu jew inkella li jwettaq att omosesswali sabiex juri r-realtà tal-allegata orjentazzjoni sesswali.

25 Permezz tad-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2011, l-iStaatssecretaris ċaħad it-tieni applikazzjoni ta' A minħabba li l-kredibbiltà tal-orjentazzjoni sesswali allegata minn dan tal-aħħar kienet għadha ma ġietx stabbilita. L-iStaatssecretaris ikkunsidra li ma kellux jibbaża ruħu biss fuq l-allegata orjentazzjoni sesswali tal-applikant għall-ażil mingħajr ebda evalwazzjoni tan-natura kredibbli tagħha.

26 Fl-1 ta' Awwissu 2012, l-iStaatssecretaris ċaħad l-applikazzjoni ta' B minħabba li d-dikjarazzjonijiet dwar l-omosesswalità tiegħu kienu vagi, sommarji u mhux kredibbli. Barra minn hekk, skont l-iStaatssecretaris, sa fejn B ġej minn pajjiż fejn l-omosesswalità ma hijiex aċċettata, huwa għandu jkun jista' jipprovdi iktar dettalji dwar is-sentimenti tiegħu u dwar il-proċess intern relatat mal-orjentazzjoni sesswali tiegħu.

27 L-ewwel applikazzjoni għall-ażil mressqa minn C kienet ibbażata fuq raġunijiet oħra differenti mill-persekuzzjoni minħabba l-omosesswalità tiegħu. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda mill-iStaatssecretaris.

28 C ma kkontestax din l-ewwel deċiżjoni ta' ċaħda u ressaq it-tieni applikazzjoni għall-ażil ibbażata, din id-darba, fuq il-biża' li jiġi ppersegwitat fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu minħabba l-omosesswalità tiegħu. Fil-kuntest ta' din it-tieni applikazzjoni C sostna li huwa rrikonoxxa l-ġibda omosesswali tiegħu biss wara li telaq mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Insostenn tal-applikazzjoni tiegħu, C ippreżenta wkoll, lill-awtoritajiet inkarigati mill-eżami tagħha, reġistrazzjoni vidjo ta' atti intimi ma persuna tal-istess sess.

29 Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Ottubru 2012, l-iStaatssecretaris ċaħad l-applikazzjoni għall-ażil ta' C minħabba li d-dikjarazzjonijiet ta' dan tal-aħħar dwar l-omosesswalità tiegħu ma kinux kredibbli. L-iStaatssecretaris ikkunsidra li C kellu jsemmi l-allegata orjentazzjoni sesswali tiegħu fil-kuntest tal-ewwel applikazzjoni għall-ażil, li huwa ma kienx spjega b'mod ċar kif kien sar konxju mill-omosesswalità tiegħu u li ma setax jirrispondi għal mistoqsijiet dwar l-organizzazzjonijiet Olandiżi ta' difiża tad-drittijiet tal-omosesswali.

30 Wara ċ-ċaħda tal-applikazzjonijiet tagħhom għal permess ta' residenza temporanju (ażil), A, B u C ippreżentaw rikorsi kontra dawn id-deċiżjonijiet ta' ċaħda quddiem ir-Rechtbank' s-Gravenhage.

31 B'deċiżjonijiet tad-9 ta' Settembru 2011 u tat-30 ta' Ottubru 2012, ir-Rechtbank 's-Gravenhage ċaħdet rispettivament ir-rikorsi ta' A u ta' C bħala infondati. Dik il-qorti kkunsidrat li, minn naħa, A u C messhom ikkontestaw, fir-rikorsi rispettivi tagħhom, l-ewwel deċiżjonijiet ta' rifjut tal-iStaatssecretaris u, min-naħa l-oħra, huma ma wrewx, fil-kuntest tat-tieni proċedura ta' applikazzjoni għall-ażil, in-natura kredibbli tad-dikjarazzjonijiet tagħhom dwar l-allegata omosesswalità tagħhom.

32 Ir-rikors ippreżentat minn B kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tal-iStaatssecretaris ġie miċħud b'deċiżjoni tat-23 ta' Awwissu 2012. Ir-Rechtbank 's-Gravenhage kkunsidrat li l-iStaatssecretaris seta' raġonevolment jikkonkludi li d-dikjarazzjonijiet ta' B dwar l-omosesswalità tiegħu ma kinux kredibbli.

33 A, B, u C appellaw mill-imsemmija deċiżjonijiet quddiem ir-Raad van State.

34 Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri ta' appell, A, B u C b'mod partikolari jsostnu li, minħabba li ma huwiex possibbli li l-orjentazzjoni sesswali tal-applikanti għall-żil tiġi kkonstatata oġġettivament, l-awtoritajiet inkarigati mill-eżami ta' applikazzjoni għall-żil għandhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom biss fuq l-affermazzjoni ta' dawn l-applikanti dwar din l-allegata orjentazzjoni.

35 Issa, skont ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn applikant għall-żil, l-imsemmija awtoritajiet jagħmlu mistoqsijiet dwar din l-allegata orjentazzjoni li jmorru, b'mod partikolari, kontra r-rispett tad-dinjità tal-applikant u kontra d-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata u li, barra minn hekk, la jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn l-applikanti jistgħu jħossuhom skomdi waqt l-intervista u lanqas ma jieħdu inkunsiderazzjoni l-barrieri kulturali li jostakolawhom milli jitkellmu apertament dwar din l-orjentazzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-iStaatssecretaris jikkunsidra li l-istejjer tal-applikanti għall-żil ma humiex kredibbli ma għandux iwassal għall-istess konklużjoni dwar il-kredibbiltà tal-orjentazzjoni sesswali nnifisha.

36 L-iStaatssecretaris josserva li la mid-Direttiva 2004/83 u lanqas mill-Karta ma jirriżulta li deċiżjoni għandha tittieħed biss abbażi tal-affermazzjoni tal-applikanti għall-ażil dwar l-allegata orjentazzjoni sesswali tagħhom. Madankollu, huwa l-fatt li l-applikanti għall-żil rrendew plawżibbli l-fatt li huma jifformaw parti minn grupp soċjali, fis-sens tal-Artikolu 10(1)(d) tad-Direttiva 2004/83, jew inkella li l-awturi tal-persekuzzjoni jikkunsidrawhom bħala tali fis-sens tal-Artikolu 10(2) ta' dik id-direttiva, li għandu jiġi vverifikat u mhux il-fatt li huma għandhom effettivament l-orjentazzjoni sesswali li huma jallegaw.

37 Barra minn hekk, skont l-iStaatsecretaris, huwa biss rarament li l-applikanti għall-żil jistgħu jipproduċu l-prova tal-omosesswalità tagħhom b'mod ieħor għajr bid-dikjarazzjonijiet tagħhom, b'tali mod li, meta dawn id-dikjarazzjonijiet jitqiesu bħala koerenti u plawżibbli u meta l-kredibbiltà ġenerali tal-applikant għall-żil setgħet tiġi stabbilita, dawn l-applikanti għandhom jingħataw il-benefiċċju tad-dubju.

38 Skont l-iStaatssecretaris, l-evalwazzjoni li huwa għandu jagħmel tal-kredibbiltà tal-orjentazzjoni sesswali tal-applikanti għall-żil ma hijiex differenti minn dik ta' raġunijiet oħra ta' persekuzzjoni. Madankollu din l-awtorità tieħu inkunsiderazzjoni l-problemi speċifiċi marbuta mad-dikjarazzjonijiet dwar l-orjentazzjoni sesswali. B'mod partikolari, il-kollaboraturi inkarigati mill-intervisti mal-applikanti għall-żil jingħataw rakkomandazzjoni sabiex ma jagħmlux mistoqsijiet diretti dwar il-mod ta' kif dawn l-applikanti għall-żil jgħixu l-orjentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, ma tingħata l-ebda importanza lil immaġni ta' atti intimi prodotti bħala prova mill-applikanti għall-żil, peress li dawn juru biss il-prattika nnifisha ta' atti sesswali u mhux ir-realtà tal-allegata orjentazzjoni sesswali.

39 Ir-Raad van State tippreċiża li la l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83 u lanqas id-dispożizzjonijiet invokati tal-Karta ma jimponu fuq l-iStaatssecretaris l-obbligu li jikkunsidra li l-orjentazzjoni sesswali allegata tal-applikanti għall-żil hija stabbilita biss abbażi tad-dikjarazzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, skont dik il-qorti, il-verifika tal-orjentazzjoni sesswali tal-applikanti għall-żil ma hijiex differenti minn dik ta' raġunijiet oħra ta' persekuzzjoni.

40 Madankollu, ir-Raad van State għandha dubji dwar l-eventwali limiti imposti mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83 u tal-Artikoli 3 u 7 tal-Karta fir-rigward tal-verifika tal-orjentazzjoni sesswali tal-applikanti għall-żil.

41 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-fatt li jsiru mistoqsijiet lil applikant għall-żil jista', sa ċertu punt, jippreġudika d-drittijiet iggarantiti mill-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Karta.

42 Skont din il-qorti, indipendentement mill-metodu adottat fl-Istat Membru kkonċernat sabiex tiġi eżaminata r-realtà tal-orjentazzjoni sesswali allegata, ir-riskju ta' preġudizzju għad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-żil, bħal dawk stipulati fl-Artikoli 3 u 7 tal-Karta, ma jistax jiġi eskluż.

43 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-Raad van State ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja, li ġiet ifformulata f'termini identiċi f'kull waħda mill-Kawżi C-148/13 sa C-150/13:

"Liema huma l-limitazzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 4 tad-[Direttiva 2004/83] u mill-[Karta], b'mod partikolari mill-Artikoli 3 u 7 tagħha, għall-mod kif inhu evalwat il-karattru kredibbli ta' allegata orjentazzjoni sesswali; dawn il-limitazzjonijiet huma differenti minn dawk applikabbli għall-evalwazzjoni tal-karattru kredibbli ta' motivi ta' persekuzzjoni oħra u, fl-affermattiv, f'liema rigward?"

44 B'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' April 2013, il-Kawżi C-148/13 sa C-150/13 ġew magħquda kemm għall-finijiet tal-proċedura miktuba u orali kif ukoll għal dawk tas-sentenza.

Fuq id-domanda preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

45 Mill-premessi 3, 16 u 17 tad-Direttiva 2004/83 jirriżulta li l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tikkostitwixxi l-bażi tas-sistema legali internazzjonali ta' protezzjoni tar-refuġjati u li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat u dwar il-kontenut tagħha ġew adottati biex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri japplikaw din il-konvenzjoni billi jibbażaw ruħhom fuq kunċetti u kriterji komuni (sentenza N., C-604/12, EU:C:2014:302, punt 27).

46 L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/83 għandha, għaldaqstant, issir fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tagħha, billi jiġu osservati l-Konvenzjoni ta' Genève u t-Trattati l-oħra rilevanti msemmija fl-Artikolu 78(1) TFUE. Din l-interpretazzjoni għandha ssir ukoll, kif jirriżulta mill-premessa 10 tal-istess direttiva, billi jiġu rrispettati d-drittijiet rikonoxxuti mill-Karta (sentenza X *et*, C-199/12 sa C-201/12, EU:C:2013:720, punt 40).

47 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2004/83 ma tinkludix regoli ta' proċedura li japplikaw għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u, għalhekk, lanqas ma tiddetermina l-garanziji proċedurali li għandhom jingħataw lill-applikant għall-ażil. Hija d-Direttiva 2005/85 li tistabbilixxi livelli minimi li jirrigwardaw il-proċeduri ta' eżami tat-talbiet u li tispeċifika d-drittijiet tal-applikanti għall-ażil, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-kawżi prinċipali.

Fuq id-domanda

48 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, moqri fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li jaġixxu taħt l-istħarriġ tal-qorti, ċerti limiti meta huma jevalwaw il-fatti u ċ-ċirkustanzi li jikkonċernaw l-allegata orjentazzjoni sesswali ta' applikant għall-ażil, li l-applikazzjoni tiegħu hija bbażata fuq biża' ta' persekuzzjoni minħabba din l-orjentazzjoni.

49 F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel nett jiġi indikat li, bil-kontra tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, li jgħidu li l-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil ibbażata fuq biża' ta' persekuzzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali tal-applikant għall-ażil għandhom jikkunsidraw l-allegata orjentazzjoni bħala fatt stabbilit biss abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' dan l-applikant, l-imsemmija dikjarazzjonijiet jikkostitwixxu biss, fid-dawl tal-kuntest partikolari tal-applikazzjonijiet għall-ażil, il-punt tat-tluq tal-proċess ta' eżami tal-fatti u taċ-ċirkustanzi previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83.

50 Fil-fatt, mill-kliem innifsu tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva jirriżulta li, fil-kuntest ta' dan l-eżami, l-Istati Membri jistgħu jqisu li huwa l-applikant li għandu jissottometti, kemm jista' jkun malajr, l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi ssostanzjata l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jevalwaw, f'koperazzjoni ma dan l-applikant, l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni.

51 Barra minn hekk, mill-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2004/83 jirriżulta li, meta r-rekwiżiti elenkati fil-punti (a) sa (e) tal-istess artikolu ma jkunux issodisfatti, id-dikjarazzjonijiet tal-applikanti għall-ażil dwar l-allegata orjentazzjoni sesswali tagħhom jistgħu jeħtieġu konferma.

52 Minn dan isegwi li, għalkemm huwa l-applikant għall-ażil li għandu jidentifika din l-orjentazzjoni, li tikkostitwixxi element rilevanti tal-isfera personali tiegħu, l-applikazzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat immotivati minn biża' ta' persekuzzjoni minħabba din l-orjentazzjoni, l-istess bħall-applikazzjonijiet ibbażati fuq raġunijiet oħra ta' persekuzzjoni, jistgħu jkunu s-suġġett tal-proċess ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 4 tal-istess direttiva.

53 Madankollu, il-modalitajiet ta' evalwazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dikjarazzjonijiet u tal-provi dokumentali jew oħrajn prodotti insostenn ta' tali applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2004/83 u 2005/85, kif ukoll, kif jirriżulta, rispettivament, mill-premessi 10 u 8 ta' dawn id-direttivi, mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, bħad-dritt għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, stipulat fl-Artikolu 1 tal-Karta u bħad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, iggarantit bl-Artikolu 7 tagħha.

54 Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83 huma validi fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali, indipendentement mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni invokati insostenn ta' dawn l-applikazzjonijiet, xorta jibqa' l-fatt li huma l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jadattaw il-modalitajiet ta' evalwazzjoni tagħhom tad-dikjarazzjonijiet u tal-provi dokumentali jew oħrajn skont il-karatteristiċi speċifiċi għal kull kategorija ta' applikazzjoni għall-ażil, u dan fl-osservanza tad-drittijiet iggarantiti mill-Karta.

55 Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, din l-evalwazzjoni tiżvolġi, kif ġie deċiż fil-punt 64 tas-sentenza M. (C-277/11, EU:C:2012:744), f'żewġ stadji separati. L-ewwel stadju jikkonċerna l-istabbiliment taċ-ċirkustanzi fattwali li jistgħu jikkostitwixxu l-provi insostenn tal-applikazzjoni, filwaqt li t-tieni stadju jikkonċerna l-evalwazzjoni ġuridika ta' dawn il-provi, li tikkonsisti f'li jiġi deċiż jekk, fid-dawl tal-fatti li jikkaratterizzaw każ speċifiku, ir-rekwiżiti bażiċi previsti mill-Artikoli 9 u 10 jew 15 tad-Direttiva 2004/83 għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali humiex issodisfatti.

56 Fil-kuntest tal-ewwel stadju, li huwa speċifikament l-istadju li fil-kuntest tiegħu qamu d-dubji tal-qorti tar-rinviju f'kull waħda mill-kawżi prinċipali, għalkemm l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li huwa normalment l-applikant li għandu jipproduċi l-provi kollha meħtieġa sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu, peress li dan jinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex jipproduċi elementi li jistgħu jistabbilixxu l-orjentazzjoni sesswali tiegħu stess, xorta jibqa' l-fatt li l-Istat Membru kkonċernat għandu l-obbligu li jikkoopera ma dan l-applikant fl-istadju tad-determinazzjoni tal-elementi rilevanti ta' din l-applikazzjoni, b'mod konformi mal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza M., EU:C:2012:744, punt 65).

57 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 4(3)(ċ) tad-Direttiva 2004/83, din l-evalwazzjoni għandha tkun individwali u għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, inklużi fatturi bħal ma huma l-passat, is-sess u l-età tiegħu, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, l-atti li fir-rigward tagħhom l-applikant kien jew jista' jiġi espost jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persekuzzjoni jew preġudizzju gravi.

58 Barra minn hekk, kif imfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza, fil-kuntest tal-verifiki mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, abbażi tal-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, fejn ċerti aspetti tad-dikjarazzjonijiet ta' applikant għall-ażil ma humiex sostnuti minn provi dokumentali jew oħrajn, dawk l-aspetti ma jeħtiġux konferma, meta r-rekwiżiti kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 4(5)(a) sa (e) tal-istess direttiva jkunu ssodisfatti.

59 Fir-rigward tal-modalitajiet ta' evalwazzjoni tad-dikjarazzjonijiet u tal-provi dokumentali jew oħrajn inkwistjoni f'kull waħda mill-kawżi prinċipali, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, l-analiżi preżenti għandha tiġi limitata għall kwistjoni ta' jekk il-verifiki li l-awtoritajiet kompetenti wettqu permezz ta' mistoqsijiet ibbażati, b'mod partikolari, fuq sterjotipi assoċjati mal-omosesswali jew

mistoqsijiet iddettaljati dwar il-prattiki sesswali ta' applikant għall-ażil, kif ukoll tal-possibbiltà li dawn l-awtoritajiet jaċċettaw li l-imsemmi applikant jissuġġetta ruħu għal "testijiet" sabiex jistabbilixxi l-omosesswalità tiegħu u/jew li jipproduċi, min jeddu, reġistrazzjonijiet vidjo tal-atti intimi tiegħu, minn naħa, u ta' jekk il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li hemm nuqqas ta' kredibbiltà biss abbażi tal-fatt li l-imsemmi applikant ma invokax l-allegata orjentazzjoni sesswali fil-kuntest tal-ewwel okkażjoni mogħtija lilu sabiex jesponi r-raġunijiet ta' persekuzzjoni, min-naħa l-oħra, humiex konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2004/83 u 2005/85 u ma dawk tal-Karta.

60 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, eżamijiet ibbażati fuq mistoqsijiet dwar l-għarfien li l-applikant għall-ażil ikkonċernat għandu ta' assoċjazzjonijiet ta' difiża tal-interessi tal-omosesswali u ta' dettalji relatati ma dawn l-assoċjazzjonijiet, dawn jimplikaw, skont ir-rikorrent fil-Kawża C-150/13, li l-imsemmija awtoritajiet jibbażaw l-evalwazzjonijiet tagħhom fuq kunċetti sterjotipati dwar l-imġieba tal-omosesswali u mhux fuq is-sitwazzjoni konkreta ta' kull applikant għall-ażil.

61 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 4(3)(ċ) tad-Direttiva 2004/83, jimponi fuq l-awtoritajiet kompetenti l-obbligu li jwettqu l-evalwazzjoni billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant u li l-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85 jeżiġi li dawn l-awtoritajiet iwettqu l-intervista billi jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni għall-ażil.

62 Għalkemm mistoqsijiet dwar kunċetti sterjotipati jistgħu jikkostitwixxu element utli għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għall finijiet ta' dik l-evalwazzjoni, madankollu l-fatt li l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat issir biss fuq il-bażi ta' kunċetti sterjotipati assoċjati mal-omosesswali ma jissodisfax ir-rekwiżiti previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti, sa fejn dan ma jippermettix li l-imsemmija awtoritajiet jieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant għall-ażil ikkonċernat.

63 Għalhekk, l-inkapaċità ta' applikant għall-ażil li jirrispondi għal tali mistoqsijiet ma għandhiex tikkostitwixxi, waħedha, raġuni suffiċjenti sabiex jiġi konkluż in-nuqqas ta' kredibbiltà tal-applikant, sa fejn tali approċċ ikun imur kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(3)(ċ) tad-Direttiva 2004/83 kif ukoll kontra dawk tal-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85.

64 It-tieni nett, għalkemm l-awtoritajiet nazzjonali huma fondati li jagħmlu, jekk ikun il-każ, mistoqsijiet intiżi għall-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi relatati mal-allegata orjentazzjoni sesswali ta' applikant għall-ażil, il-mistoqsijiet dwar id-dettalji tal-prattiki sesswali ta' dan l-applikant imorru kontra d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u, b'mod partikolari, kontra d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tagħha.

65 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, il-possibbiltà, għal awtoritajiet nazzjonali, li jaċċettaw, kif ipproponew uħud mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, it-twettiq ta' atti omosesswali, li l-applikanti jissuġġettaw ruħhom għal eventwali "testijiet" sabiex tiġi stabbilita l-omosesswalità tagħhom jew inkella li l-imsemmija applikanti jipproduċu provi bħal reġistrazzjonijiet vidjo tal-atti intimi tagħhom, għandu jiġi enfasizzat li, minbarra l-fatt li tali provi mhux neċessarjament għandhom valur probatorju, dawn ikunu ta' natura li jippreġudikaw id-dinjità tal-bniedem, li r-rispett tagħha huwa ggarantit mill-Artikolu 1 tal-Karta.

66 Barra minn hekk, il-fatt li l-produzzjoni ta' tali tipi ta' provi tiġi awtorizzata jew aċċettata jagħti lok għal effett ta' inċentiv fir-rigward ta' applikanti oħra u jwassal, *de facto*, sabiex dawn tal-aħħar jiġu suġġetti għall-produzzjoni ta' tali provi.

67 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li hemm nuqqas ta' kredibbiltà meta, b'mod partikolari, l-applikant ma invokax l-allegata orjentazzjoni sesswali fil-kuntest tal-ewwel okkażjoni mogħtija lilu sabiex jesponi r-raġunijiet ta' persekuzzjoni, għandu jiġi indikat dan li ġej.

68 Mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/83 jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jqisu li huwa l-applikant li għandu jissottometti, "kemm jista' jkun malajr", l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi ssostanzjata l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali.

69 Madankollu, fid-dawl tan-natura sensittiva tal-mistoqsijiet li jirrigwardaw l-isfera personali ta' persuna u, b'mod partikolari, is-sesswalità tagħha, ma jistax jiġi deċiż li din il-persuna ma hijiex kredibbli biss abbażi tal-fatt li, minħabba r-retiċenza tagħha li tiżvela l-aspetti intimi ta' ħajjitha, hija ma tkunx iddikjarat mill-ewwel l-omosesswalità tagħha.

70 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-obbligu, previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/83, li l-applikant jipproduċi l-elementi kollha neċessarji biex isostni l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali "kemm jista' jkun malajr" huwa mtaffi mir-rekwiżit impost fuq l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tal-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85 u tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/83, li l-intervista ssir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, b'mod partikolari l-vulnerabbiltà tal-applikant u li ssir evalwazzjoni individwali ta' din l-applikazzjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali ta' kull applikant.

71 Għaldaqstant, il-fatt li applikant għall-ażil ma jiġix ikkunsidrat bħala kredibbli biss għar-raġuni li huwa ma żvelax l-orjentazzjoni sesswali tiegħu fil-kuntest tal-ewwel okkażjoni mogħtija lilu sabiex jesponi r-raġunijiet ta' persekuzzjoni, iwassal għal ksur tar-rekwiżit imsemmi fil-punt preċedenti.

72 Fid-dawl ta' dak kollu li ġie espost iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula f'kull waħda mill-Kawżi C-148/13 sa C-150/13 għandha tkun li:

— L-Artikolu 4(3)(ċ) tad-Direttiva 2004/83 kif ukoll l-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, fil-kuntest tal-eżami, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu taħt l-istħarriġ tal-qorti, tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li jikkonċernaw l-allegata orjentazzjoni sesswali ta' applikant għall-ażil, li l-applikazzjoni tiegħu hija bbażata fuq biża' ta' persekuzzjoni minħabba din l-orjentazzjoni, id-dikjarazzjonijiet ta' dan l-applikant u l-provi dokumentali jew oħrajn prodotti insostenn tal-applikazzjoni tiegħu jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni, mill-imsemmija awtoritajiet, permezz ta' mistoqsijiet ibbażati biss fuq kunċetti sterjotipati assoċjati mal-omosesswali.

— l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-kuntest ta' dan l-eżami, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmlu mistoqsijiet iddettaljati dwar il-prattiki sesswali ta' applikant għall-ażil.

— l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-kuntest tal-imsemmi eżami, l-imsemmija awtoritajiet jaċċettaw provi, bħat-twettiq ta' atti omosesswali mill-applikant għall-ażil ikkonċernat, li dan jiġi suġġett għal "testijiet" sabiex tiġi stabbilita l-omosesswalità tiegħu jew inkella li jipproduċi reġistrazzjonijiet vidjo ta' tali atti.

— L-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/83 kif ukoll l-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, fil-kuntest tal-istess eżami, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiddeċiedu li d-dikjarazzjonijiet tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jkunux kredibbli biss abbażi tal-fatt li huwa ma jkunx invoka l-allegata orjentazzjoni sesswali tiegħu fil-kuntest tal-ewwel okkażjoni mogħtija lilu sabiex jesponi r-raġunijiet ta' persekuzzjoni.

Fuq l-ispejjeż

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(3)(ċ), tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat [status] ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, kif ukoll l-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, fil-kuntest tal-eżami, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu taħt l-istħarriġ tal-qorti, tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li jikkonċernaw l-allegata orjentazzjoni sesswali ta' applikant għall-ażil, li l-applikazzjoni tiegħu hija bbażata fuq biża' ta' persekuzzjoni minħabba din l-orjentazzjoni, id-dikjarazzjonijiet ta' dan l-applikant u l-provi dokumentali jew oħrajn prodotti insostenn tal-applikazzjoni tiegħu jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni, mill-imsemmija awtoritajiet, permezz ta' mistoqsijiet ibbażati biss fuq kunċetti sterjotipati assoċjati mal-omosesswali.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-kuntest ta' dan l-eżami, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmlu mistoqsijiet iddettaljati dwar il-prattiki sesswali ta' applikant għall-ażil.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-kuntest tal-imsemmi eżami, l-imsemmija awtoritajiet jaċċettaw provi, bħat-twettiq ta' atti omosesswali mill-applikant għall-ażil ikkonċernat, li dan jiġi suġġett għal "testijiet" sabiex tiġi stabbilita l-omosesswalità tiegħu jew inkella li jipproduċi reġistrazzjonijiet vidjo ta' tali atti.

L-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/83 kif ukoll l-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, fil-kuntest tal-istess eżami, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiddeċiedu li d-dikjarazzjonijiet tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jkunux kredibbli biss abbażi tal-fatt li huwa ma jkunx invoka l-allegata orjentazzjoni sesswali tiegħu fil-kuntest tal-ewwel okkażjoni mogħtija lilu sabiex jesponi r-raġunijiet ta' persekuzzjoni.

Firem